**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 282/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Francis Barbara**

Illum, 23 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Francis Barbara, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0334183(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Ġunju 2020 u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u fil-gżejjer Maltin, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li ġiet fdata jew ikkunsinata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ċioe' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RYN-585 ta' l-għamla Toyota.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundanatu għal tliet (3) xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal żmien sentejn mid-data tas-sentenza. *In oltre*, ai termini tal-artikolu

28H tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati jirrestitwixxi lil Abdelhadi Daoui s-somma ta' €1,200 rapprezentanti danni sofferti minnu derivanti mill-kommissjoni da parti tal-ħati tar-reat in diżamina.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta fl-ewwel aggravju illi l-ħtija ma tistax tissussiti fir-rigward tal-kummissjoni tar-reat tal-approprjazzjoni indebita, kif mixli, u dan għaliex il-konsumazzjoni tar-reat ma seħħitx fid-data ndikata fiċ-ċitazzjoni. Jisħaq illi mill-verżjoni tal-fatti kif esposti mill-parti offiża, jirriżulta illi effettivament kien nhar it-30 ta' Ġunju 2020 illi r-reat kien ikkonsmat u mhux fiż-żmien temporali indikat fl-akkuża, u ċioe' fid-29 ta' Ġunju u fil-ġimgħat ta' qabel.

Illi, huwa ħati tar-reat ta' approprazzjoni ndebita fit-termini ta'l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali:–

> **"Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat ..."**

Illi, tali reat jiġi aggravat u jitmexxa *ex officio* mill-Pulizija kull "**..... meta d-delitt imsemmi ..... jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-**

**professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.**"[1]

Illi, għalhekk, l-element ewlieni li jikkostitwixxi dan ir-reat "**mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan**."[2]

Il-Qorti ta' Cassazioni Taljana tisħaq f'deċizjoni reċenti illi –

> **Il reato di appropriazione indebita si consuma nel momento dell'inversione del possesso, vale a dire quando il possessore compie un atto di dominio sulla "res", così manifestando l'intenzione di tenere questa come propria.**
>
> **L'appropriazione indebita può consistere anche nel solo uso della cosa, il quale è un modo di esercitarne il diritto di proprietà, se l'uso stesso non sia assolutamente consentito, atteso il titolo del possesso, ovvero risulti diverso da quello che, secondo questo titolo, è legittimo, divenendo cosi manifestamente un mezzo per effettuare l'appropriazione, se accompagnato dalla volontà di disporre della cosa come se fosse propria (Cass. Sez. 2, Sentenza n. 2954del 15/12/1971 Ud. (dep. 03/05/1972) Rv. 120966; nel senso che l'appropriazione indebita d'uso integri il reato di cui all'art. 646 c.p.cfr Sez. 3^, Sentenza n. 3445del 2/2/1995, Riv. 203402).**
>
> **Quello che conta è che l'uso indebito del bene, sia avvenuto trascendendo completamente - come nel caso di specie - i limiti del titolo in virtù del quale l'agente deteneva in custodia il bene, di modo che l'atto comporti un impossessamento, sia pure temporaneo, del bene, determinandosi così quell'inversione del possesso che costituisce l'elemento oggettivo della struttura del reato ( in tal senso N. 47665 del 2009 Rv. 245370 - 01; n. 44650 del 2015 Rv. 264899 - 0).**[3]

Illi, minn dan it-tagħlim ġurisprudenjzali huwa manifest illi r-reat tal-approprjazzjoni indebita jiġi kkunsmat mal-mument li issir l-inverzjoni tal-pussess tal-oġġett mobbli, u ċioe' f'dak il-mument illi l-awtur tar-reat jikkonverti dak l-oġġett għall-użu tiegħu bħala s-sid tal-istess. Minn dan l-aġir jiġi deżunt imbagħad l-element formali tar-reat meta l-awtur juri l-intenzjoni li jżomm jew juża l-oġġett lilu fdat *animo domini,*

---

[1] Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali.

[2] "Pulizija vs Joseph Muscat", Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.

[3] Cassazione penale, sez. II, Sentenza 10/05/2019 n° 20231.

daqslikieku kien tiegħu. Fil-fatt, is-sentenza fl-ismijiet "Pulizija vs Anthony Mary Bajada", il-Qorti stqarret illi :-

> **Id-delitt ta' approprjazzjoni ndebita jigi konsumat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun pruvat meta c-cirkustanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibili mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga.**[4]

Illi, spjanati dawn il-punti ta' dritt u ġurisprudenza regolanti r-reat in diżamina, u mqabbla mal-provi li hemm fl-atti, huwa evidenti illi l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju minnu ntentat. Jirriżulta li kien nhar il-5 ta' Marzu tas-sena 2020, illi l-parti offiża akkwista vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RYN-585 tal-għamla Toyota mingħand l-appellant. Peress li ftit taż-żmien wara l-vettura rriżultawlha ċertu ħsarat, il-partijiet kienu ftehmu li l-appellant kellu jagħmel it-tiswijiet fuqha. Sussegwentement, nhar l-14 ta' Ġunju tas-sena 2020 l-parti offiża għadda il-vettura lill-appellant ġewwa l-Qawra, u ħallieha fil-pussess tiegħu flimkien maċ-ċwievet bl-intendiment li l-ħsarat li kellha jiġu msewwija mill-appellant. Madanakollu l-appellant qatt ma irritorna l-vettura lil parti offiża u dan għaliex għadda sabiex ibiegħha. Dan jemerġi minn reklamar li l-appellant beda jagħmel fuq is-sit soċjali tal-*Facebook,* liema reklamar ġie a konjizzjoni ta' l-parti offiża nhar id-29 ta' Ġunju tas-sena 2020, meta rriżulta illi l-appellant tefa' l-imsemmija vettura għall-bejgħ u kien saħansitra qed jitlob l-ammont ta' elf u mitt Ewro għall-istess. *In oltre*, l-appellant stess jammetti li biegħ din l-istess vettura. Dan ifisser illi mill-mument li l-appellant beda jirreklama il-vettura għal bejgħ kien hemm il-konsumazzjoni tar-reat, bl-inverżjoni tat-titolu li kellu l-appellant fuqha minn wieħed ta' pussess u kustodja bl-intiża li din tissewwa, għall-att ta' dominju mingħajr il-kunsens tas-sid, meta beda jipprova jikseb il-bejgħ tagħha daqslikieku kien is-sid, liema evenjenza seħħet żgur fid-29 ta' Ġunju 2020 meta l-parti offiża lemaħ ir-reklam li żgur li kien ittella' fuq is-sit tal-*Facebook* xi żmien qabel. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jisħoqqlux akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

---

[4] Imħallef A. J. Montanaro Gauci, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża fl-1 ta' Marzu 1952.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta jilmenta illi din naqset milli tieħu konjizzjoni ta' numru ta' nuqqasijiet, inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fil-verzjoni mogħtija mix-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni. Illi, stante li dan l-aggravju huwa marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[5].

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali huwa evidenti li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'zewġ verżjonijiet tal-fatti dijametrikament opposti għal xulxin. Il-parti offiża jixhed kif nhar il-5 ta' Marzu tas-sena 2020 huwa xtara vettura tal-għamla Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni RYN-585 mingħand l-appellant għall-prezz ta' €1,500 bil-liċenzja, l-*insurance* u l-*logbook* kollha jinqalbu fuq ismu mill-appellant mal-bejgħ. Ftit taż-żmien wara Daoui sema' ħoss fil-vettura u għarraf lill-appellant b'dan id-difett, li minn naħa tiegħu offra li jsewwihielu. Sussegwentement, nhar l-14 ta' Ġunju 2020, Daoui għadda l-vettura in kwistjoni lill-appellant, flimkien maċ-ċwievet ta' l-istess, sabiex l-appellant jagħmel it-tiswijiet, kif miftehma. Ftit tal-ġranet wara, Daoui jgħid li beda jċempel lill-appellant sabiex jara jekk il-vettura kenitx lesta mit-tiswijiet, fejn għall-ewwel l-appellant wieġbu li x-xogħolijiet rimedjali kienu għadhom ma tlestewx u wara ma baqax iwieġeb għat-telefonati tiegħu. Wara dan nhar id-29 ta' Ġunju 2020 Daoui ra *post* fuq is-sit soċjali tal-*Facebook* imtella' fuq dan is-sit minn ħu l-appellant, Joseph Barbara, fejn kien hemm diversi ritratti tal-vettura li kien akkwista minn għand l-appellant bin-*number plate* ta' l-istess vizibbli u kien hemm reklamat illi l-vettura "**għandha liċenzja mħallsa sa June 2021 kif ukoll għandha 166000kms u li hija għal bejgħ għal 1,100 euros. U min hu interessat iċempel fuq 77504450**." Finalment Daoui jinnega li qatt iffirma l-*logbook* sabiex il-vettura terġa' tgħaddi għand l-appellant u jisħaq li huwa kien iffirma biss kopja tal-karta tal-identita' tiegħu. Din il-Qorti tinnota

[5] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

li l-Prosekuzzjoni la eżebiet il-*facebook post* imsemmi u lanqas tellgħet bħala xhud lil Joseph Barbara li allegatament tella' l-istess post fuq is-sit soċjali tal-*Facebook*.

Illi, minn naħa l-oħra, l-appellant xehed li kien l-parti offiża Daoui li kien avviċinah sabiex ibiegħlu l-vettura in kwistjoni. Igħid hekk l-appellant fix-xiehda tiegħu:

> "**Ma kellux flus biex iħallasni dan u tani €100 deposit fuqha u għamel xi 3 xhur ma jħallasnix**".

Xehed li il-prezz totali kien ta' €1,800 u li "**għamel xi 3 xhur ma ħallasnix dan, dan il-bniedem u fl-aħħar bażikament meta ħa tagħlaq il-liċenzja, kien qabad il-COVID dak iz-zmien eżatti, qalli 'Ma naffordjax inħallas l-insurance u l-liċenzja' qalli 'Il-karozza ejja ħudha lura'**". L-appellant xehed li huwa mar sabiex jieħu l-vettura lura u sab li Daoui kien battalha mill-affarijiet personali tiegħu. Ikompli jixhed:-

> "**Battal il-karozza, fakkartu li kien hemm spare key għax naf li tajtu 2 ċwievet jien meta biegħejtilu, tela' fuq, ġab l-ispare key l-oħra, nesa' l-logbook, tela' fuq iġib il-logbook, iffirmali l-logbook fuq il-bonnet tal-karozza, tani photocopy tal-ID Card tiegħu, iffirma l-photocopy ukoll kien**".

Fl-aħħarnett, l-appellant jikkonferma li effettivament huwa kien biegħ il-vettura in kwistjoni lil terza persuna. Illi, *in oltre*, ix-xhud Awad Elber Gerge Mikhail ikkorrobora l-verzjoni tal-appellant li filfatt il-parti offiża kien iffirma l-*logbook* meta ġabru l-vettura mingħandu.

Illi, ix-xhud Dr.Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta xehed li "**l-ownership tal-parte ċivile beda fl-24 ta' Marzu 2020 u spiċċa fit-30 ta' Ġunju 2020**". Ix-xhud ikkjarifika ukoll li "*transfer of ownership*" isir billi jittieħed il-*logbook* bil-firma tal-bejjiegħ u tax-xerrej kif ukoll *photocopy* tal-karta tal-identita' iffirmata. Sussegwentement, Brian Farrugia ukoll in rappreżentanza ta' *Transport Malta* ppreżenta in atti l-*logbooks* in kwistjoni. Illi kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, minn dawn id-dokumenti jidher illi meta l-vettura għaddiet għand il-parti offiża, il-bejjiegħ, li ma kienx l-appellant, ġie indikat fil-*logbook* bin-numru tal-identita' 78967M, filwaqt li ix-xerrej huwa ndikat bħala l-parte ċivile Abdelhadi Daoui, detentur tal-karta tal-identita' 0203563A. Dan l-istess numru tal-karta tal-identita' tal-parte ċivile u l-firma'

tiegħu jikkombaċjaw ma' dawk li hemm fuq il-fotokopja tal-karta tal-identita' tiegħu li tinsab preżentata in atti. Illi mbagħad minn eżami tal-istess *logbook* fir-rigward tal-informazzjoni hemmhekk kontenuta fir-rigward tal-allegat trasferiment li seħħ mill-parti offiża, u dan kif jikkontendi l-appellant, jirriżulta illi l-vettura għaddiet għand ċertu Frederick Muscat fit-30 ta' Ġunju 2020 fejn la l-firma u lanqas in-numru tal-karta tal-identita' allegatament tal-parte ċivile ma jaqblu ma' dawk li kienu mdaħħla fil-*logbook* preċedentement mat-trasferiment oriġinali. In-numru tal-karta tal-identita' huwa mmnizel bħala 023563A u l-firma tidher biċ-ċar li mhux dik tal-parte ċivile, u donnha għandha qisha forma ta' qalb, biex b'hekk huwa evidenti illi din il-firma mhijiex waħda awtentika, mingħajr il-ħtieġa li jkun maħtur xi espert kalligraffiku sabiex jikkonstata dan il-fatt grossolan. Dan il-fatt jirrendi inverosmili mhux biss ix-xiehda tal-appellant, iżda ukoll tax-xhud prodott in difeża, Awad Elber Gerge Mikhail li jikkontendi illi ra lill-parti offiża jiffirma l-*log book* quddiemu meta dan akkompanja lill-appellant sabiex allegatament jieħu lura l-vettura minn għand Daoui.

Illi il-Qorti għalhekk ma tistax tagħti raġun lill-appellant u dan għaliex l-inkonsistenzi u l-kontradizzjonijet fil-fatt jinstabu fid-deposizzjoni tiegħu, u mhux f'dik tal-parti offiża. Jibda biex jingħad illi il-verżjoni li jagħti l-appellant lil pulizija meta kien mitkellem minnhom hija iktar imżejna minn dik li jagħti fil-qorti. Igħid li l-prezz għall-vettura li biegħ lil Daoui kienet tpartit ma' vettura oħra tal-għamla Hyundai bil-parti offiża tintrabat li iżżid is-somma ta' €1100 bħala ħlas għall-vettura Toyota minnu akkwistata, u dan f'rati mensili ta' €150. Ikompli igħid li wara xahar il-parti offiża kien involut f'inċident stradali u l-vettura ġarrbet ħsarat fil-parti frontali tagħha. Igħid li hu offra li igħinu u ħadu għand *panel beater* ġewwa l-Imsida magħruf bħala 'il-Marokk' biex isewwihielu. Jistqarr mal-pulizija illi Daoui, madanakollu ma setax ikompli jħallsu billi kien spiċċa mingħajr impjieg u offra li jagħtih żmien għal ħlas, iżda Daoui kien ċempillu wara ftit u talbu biex jieħu il-vettura lura u hu aċċetta. Igħid li Daoui neħħa l-affarijiet tiegħu mill-vettura u iffirmalu il-*logbook*. Miegħu sabiex jiġbor il-vettura kien ħa lil ċertu Bertu ta' nazzjonalità Eġizzjana u dan billi ma setax jifhem dak li kien qed igħidlu Daoui. Wara dan hu reġa' biegħ din il-vettura[6].

---

[6] Ara Dokument RA1 a fol.35 sa 37 tal-atti.

Illi din il-verżjoni tal-fatti hija differenti minn dik li l-appellant jagħti fil-Qorti. Imbagħad minn daqqa t' għajn lejn il-provi dokumentarji huwa evidenti illi dawn jagħtu saħħa lill-verzjoni tal-parte ċivile u mhux dik tal-appellant, mhux biss għaliex id-data meta l-parti offiża akkwista il-vettura u meta igħid li biegħha l-appellant tikkombaċja ma' dak li jixhed, iżda ukoll għaliex huwa evidenti, kif ingħad, illi l-firma fuq il-*logbook* meta l-appellant igħid li biegħ il-vettura lil terzi ma hijiex waħda awtentika, oltre għal fatt illi fuq l-isemmi *logbook* hemm indikat li l-prezz tal-vettura tħallas fi flus kontanti u mhux bin-nifs, kif jikkontendi l-appellant. Mhux biss iżda kuntrarjament għal dak li jixhed l-appellant illi l-parti offiża kien qallu li m'għandux flus biex iħallas l-liċenzja fuq il-vettura, minn dak li jixhed il-parti offiża jidher li l-appellant meta rreklama l-vettura għal bejgħ indika illi l-liċenzja kienet imħallsa sa Ġunju 2021. Illi għalhekk abbażi ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti temmen li l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment, tasal għad-deċizjoni ta' ħtija li fil-fatt waslet għaliha. Għalhekk anke dan it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant, u ċioe' dik ta' tlett xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għal sentejn mid-data tas-sentenza. L-appellant huwa tal-fehma li din l-piena, kemm fil-kwalità tagħha u kif ukoll fil-kwantita', ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, u konsegwentement jemmen li l-piena għandha tiġi riformata.

Illi, l-Qorti tistqarr illi qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni ventilata mill-appellant f'dan l-aggravju mhux biss għaliex il-piena erogata hija waħda fil-minimu tagħha, iżda fuq kollox għaliex din hija waħda alternattiva għall-inkarċerazzjoni, biex b'hekk huwa evidenti li l-Ewwel Qorti qieset kemm l-aspett retributtiv kif ukoll reformattiv kuntrarjament għal dak ilmentat mill-appellant f'dan l-aggravju. Illi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tinfliġġi dik ix-xorta tal-piena li tqies li hija idonja fiċ-ċirkostanzi. Fuq kollox il-pieni kollha li għandhom bħala l-għan tagħhom ir-re-intergrazzjoni tal-ħati fis-soċjetà iwasslu għan-nuqqas ta' inkarċerazzjoni effettiva bil-ħati ikompli jgawdi l-libertà diment li ma jikkomettiex reati ġodda għal perijodu li

tordna il-qorti. Magħdud dan kollu dina l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellant Francis Barbara l-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Finalment tikkonferma l-ordni magħmula mill-Ewwel Qorti lil Kummissarju tal-Pulizija u lil Transport Malta sabiex jagħmlu kwalunkwe investigazzjoni li jħossu li hi opportuna minn naħa tagħhom in konnessjoni mad-dokumenti eżebiti in atti b'mod speċjali id-Dokument a fol.62.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**